JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS

FINAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

Il-Ħames Klassi MALTI ĦIN: SAGĦTEJN

Isem: _______________________________ Klassi: ____________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ(i) | Ċ(ii) | D | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 11 | 12 | 13 | 10 | 14 | 15 | 25 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

A. Silta : Aqra din is-silta u wieġeb.

*Kittieba Favur l-Ambjent*




Fil-kittieba, hemm kuxjenza qawwija favur l-ambjent. Huwa ambjent uman, magħmul mir-raħlin u mill-bdiewa u mill-ħaddiema l-oħra. Huwa wkoll ambjent morali, magħmul minn nies tajba u ħawtiela. U huwa ambjent fiżiku, li fi ħdanu jgħixu fl-armonija l-"ambjenti" l-oħra. Il-letteratura Maltija, bħal-letteratura kollha tal-Mediterran, hi qabelxejn letteratura pajsaġġistika. Il-widien, l-imsieraħ, il-ħitan tas-sejjieħ, it-toroq, l-isqaqien, l-irdumijiet, l-irziezet, id-djar qodma, l-għelieqi, il-mogħdijiet qalb ir-raba', huma wħud mill-postijiet li jsawru x-xenarju li jseħħ fih jew quddiemu d-dramm tal-ħajja. Ħafna kittieba jiskopru l-karatteristiċi tar-raħal Malti, anzi jaraw lil Malta sabiħa sewwasew għax hi raħlija. Il-frott tipiku, il-bhejjem li jissieħbu f'ħidmet il-bniedem, it-tjur, il-ħxejjex l-oħra eċċ. huma elementi li m'humiex biss osservati u mpinġija, iżda wkoll ammirati, maħbuba u meqjusin bħala parti mill-identita` nazzjonali. *(par.1)*

Fil-kittieba, fil-fatt, hemm l-ewwel ekoloġisti. Fil-kuxjenza tagħhom hemm in-nisel tal-kuxjenza moderna favur l-ambjent. Il-ġmiel li jaraw l-għajnejn u dak kollu li jisimgħu l-widnejn isir qagħda tar-ruħ kalma. Ir-raħal Malti hu gallerija sħiħa ta' kwadri mlewna fejn bnedmin, bhejjem, snajja', drawwiet u l-bqija jaħdmu lkoll flimkien f'armonija, qishom organiżmu wieħed mimli sliem. Dan hu l-qofol tas-seħer li għandhom in-novelli ta' Temi Zammit, ritrattista ta' klassi li b'erba' daqqiet ħfief jirnexxilu jidħol fis-saffi moħbija tal-karattri, jurihom bħala persunaġġi u jqaxxar sitwazzjoni. *(par. 2)*

Mela, minn spunt mill-kampanja, wieħed isib ruħu jistħarreġ il-bnedmin u s-sitwazzjonijiet tipiċi tagħhom. Ir-raġuni hi waħda: il-kuxjenza favur l-ambjent ma tagħżilx bejn l-uman u n-non-uman. M'hemmx bniedem li jabita mingħajr l-ambjent xieraq, u l-kuntrarju. Min-naħa l-oħra, il-letteratura tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin li fis-snin sebgħin u tmenin reġgħet daħħlet fiha bi freskezza ċerti elementi tradizzjonali, hi letteratura li titbekka t-telfa ta' l-ambjent. Il-letteratura ta' qabel iċċelebratu u biddlitu f'pittura li sikwit għandha mill-ilwien tal-kwadri ta' Caruana Dingli, waqt li l-letteratura tas-snin sebgħin u tmenin tintrebaħ min-nostalġija għalih, tipprotesta għall-qerda tiegħu u tixtiequ bħala abitat naturali nieqes. *(par. 3)*

Elementi tal-ħajja naturali Maltija, bħall-baħar u x-xemx, huma wkoll xenarji konsistenti fil-letteratura tagħna. Huma ttrattati kemm fihom infushom bħala partijiet kbar tad-dinja ta' barra u kemm bħala metafori jew simboli. Il-baħar mhux biss idawwar lill-għira, iċda hu wkoll simbolu tal-misteru, ta' l-infinita`, tal-kontinwita` taż-żmien, u ta' l-eternita`, tal-kriżi jew tat-trankwillita`. *(par. 4)*

(Addattament minn "Il-Letteratura Maltija bħala Xhieda tan-Nazzjonalita`" ta' Oliver Friggieri.)

## (i) Kontenut

1. Minn min hu magħmul l-ambjent uman ? (par.1)

   ______________________________________________ (1)

2. Semmi erba' postijiet li jsawru l-isfond ta' ġrajjiet fil-letteratura. (par.1)

   ______________________________________________ (1)

3. X'taħseb li jrid ifisser l-awtur bil-kliem "*ambjent morali"*? (par.1)

   ______________________________________________ (1)

4. Fisser għala ċerti kittieba jqisu lil Malta bħala sabiħa. (par.1)

   ______________________________________________ (1)

5. Għaliex il-kittieba huma meqjusa bħala l-ewwel ekoloġisti? (par.2)

   ______________________________________________ (1)

6. X'taħseb li ried ifisser il-kittieb meta qal li *"ir-raħal Malti hu gallerija sħiħa ta' kwadri mlewna"*? (par.2)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

7. Għaliex lil Temi Zammit isejjaħlu "ritrattista" ? (par.2)

   ______________________________________________ (1)

8. X'nistgħu nistħarrġu mill-kampanja li nsibu fil-letteratura ? (par.3)

   ______________________________________________ (1)

9. X'differenza hemm fl-attitudni lejn l-ambjent bejn il-kittieba l-qodma u dawk tas-snin sebgħin u tmenin ? (par.3)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

10. F'liema pittur ifakkruk ċerti xeni li nsibu fil-letteratura Maltija ? (par.3)

   ______________________________________________ (1)

## (ii) Analiżi Testwali

1. *Fi ħdanu jgħixu*. Għalxiex qed jirreferi l-pronom *u* fil-kelma *ħdanu*? (par.1)

_______________________________________________ (1)

2. *Huwa wkoll ambjent morali, magħmul minn nies tajba u ħawtiela.* (par.1) X'hemm komuni fil-funzjoni tal-kelmiet b'sing taħthom?

_______________________________________________ (1)

3. *Bħal-letteratura kollha*... Għaliex *bħal-* hi miktuba b'*l* waħda?

_______________________________________________ (1)

4. Sib frażi fl-istat kostrutt mill-ewwel paragrafu.

_______________________________________________ (1)

5. X'funzjoni komuni qed jaqdu s-suffissi b'sing taħthom f'dawn il-kelmiet (par.1): *widien, l-isqaqien, l-irdumijiet, il-mogħdijiet*?

_______________________________________________ (1)

6. Agħti kelma semitika li tfisser l-istess bħal *jiskopru.* (par.1)

_______________________________________________ (1)

7. Agħti idjoma flok: *jaħdmu lkoll flimkien.* (par.2)

Jaħdmu ___________________________ (1)

8. Mill-ewwel paragrafu, sib pronom personali użat bħala verb.

_______________________________________________ (1)

9. Ikteb qawl li juri l-ġgerf prattiku ta' missirijietna:

_______________________________ (1)

10. Għalxiex qed jirreferi l-pronom *ha* fil-kelma *għandha*? (par.3)

_______________________________________________ (1)

11. *"Fil-kittieba, fil-fatt, hemm l-ewwel ekolo;isti. Fil-kuxjenza tagħhom hemm in-nisel tal-kuxjenza moderna favur l-ambjent".*
Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi f'sentenza waħda mingħajr l-użu ta' *u.*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

(iii) **Grammatika:**

1. Oħroġ aġġettiv minn *kuxjenza.* Eż. raġel____________ . (1)
2. Nissel nom astratt minn *tajba.* ____________________. (1)
3. Agħti z-zokk morfemiku ta' *pajsaġġistiku* ______________ u l-konsonanti tal-għerq ta' *jisimgħu* _______________. (2)
4. Sib parteċipju passiv mill-ewwel paragrafu _______________. (1)
5. Minn liema verb hu mnissel in-nom *bqija*? _______________. (1)
6. Sib nom fl-għadd imtenni mit-tieni paragrafu ________________. (1)
7. Poġġi dawn il-verbi fin-negattiv: titbekka : *ma* ______________
   Tixtiequ : *ma* ______________ (2)
8. Aġġti s-singular ta' *bhejjem* u *snajja':* _________. ___________. (2)
9. Ta' liema forma hu l-verb *jsawru?* _____________. (1)
10. *Huma ttrattati fihom infushom.* Poġġi s-sentenza fis-singular femminil: *Hi ttrattata* ___________________________. (1)

B. **Malti Komunikattiv:** Agħżel waħda:




(a)
L-editur tal-gazzetta *Dawl Ġdid* qed iħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jiktbulu ittri dwar il-ħarsien ta' l-ambjent tal-kampanja. Ikteb ittra ta' 80 kelma lill-gazzetta li fiha turi l-ħtieġa li ma nħallux jinqerdu niċeċ, irziezet, raba', mogħdijiet, eċċ. Tista' tissuġġerixxi wkoll kif inħawi tipiċi tal-pajsaġġ, bħall-mogħdijiet fil-kampanja, jistgħu jkunu attrazzjoni għat-turisti. Inti jismek John/Jane Brincat u toqgħod f'numru 16, Triq il-Kbira, Ħal Fuqani. L-indirizz tal-gazzetta hu 10, Triq Santa Rita, Valletta.

JEW

(b) Int membru tal-Kunsill ta' l-Istudenti. Ikteb rapport ta' 80 kelma dwar l-istat ta' l-ambjent naturali madwar l-iskola, u x'jista' jsir biex jissebbaħ.

JEW

(ċ) Rappreżentant ta' għaqda ambjentali għamlilkom taħdita. Ħejji 8 mistoqsijiet li tixtieq tagħmillu dwar l-għaqda tiegħu u t-tħaris ta' l-ambjent.

(10 marki)

## Ċ. Letteratura: QAWSALLA

(i) Aqra din is-silta minn **"Żjara lil Ġesu`"** ta' **Dun Karm,** u wieġeb:

Kienet il-ħabta
Li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu
l-aħħar għenieqed, u maż-żiffa ħelwa
jtir il-weraq isfar u jitgħajjeb
in-nir tas-sema bil-ħajbur u tibda
l-ewwel newba tax-xita; il-ħin kien riesaq
li l-għasafar jinġabru fuq is-siġar
u jimlew l-ajru bl-agħjat minn tagħhom;
jien, kollni waħdi, ħiit għajjien mill-kotba,
intfajt għal għonq it-triq bejn raba' u baħar.
--Ħelu kien leħnek dak in-nhar, ja baħar,
u ħiemda l-mewġa li bla ragħwa kienet
tħaxwex ġol-blat! U ħelu kien leħenkom,
ja siġar dejjem imżejnin bil-ħdura............
........................................ -- lejn id-dwejra,
bil-għodda fuq spallejh, xi bidwi xwejjaħ
kien nieżel waħdu, waqt li l-aħħar għanja
ta' xi ragħaj, fil-bogħod kienet tinstema'
ma' l-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna;
u fuq il-baħar abjad kienet tidher
il-leħħa ħamra ta' l-imqadef niedja
ta' xi dgħajsa tas-sajd, sejra mgħobbija
bix-xbiek u n-nases.

1. Xi jrid ifisser il-poeta meta jgħid "*jitgħajjeb in-nir tas-sema*"?

_______________________________________________ (1)

2. F'liema żmien tas-sena taħseb li l-poeta għamel din il-ħarġa fil-kampanja? Ikkwota ta' lanqas żewġ kelmiet mis-silta biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. F'din is-silta, Dun Karm jagħti deskrizzjoni ta' ambjent pajsaġġistiku Malti. Ikteb din id-deskrizzjoni fi kliemek f'paragrafu qasir.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (6)

4. Sib figura tad-diskors mis-silta u għid x'inhi.

_______________________________________________ (2)

5. *Immarka t-tajba*: il-biċċa l-kbira tal-versi tal-poeżija huma (kwinarji), (endekasillabi), (ottonarji). (1)

6. X'laqtek fil-vers *"ma' l-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna"*?
__________________________________________________ (1)

7. Liema vers mis-silta jagħti ħjiel ċar tas-solitudni u t-telqa tal-poeta?
__________________________________________________ (1)

(iii) Agħżel mistoqsija ***waħda*** u ikteb f'għamla ta' komponiment.

a) Fil-kitbiet bit-tema "L-Ambjent Naturali" l-awturi jħarsu lejn l-ambjent Malti minn angoli differenti. Iddiskuti billi tirreferi għax-xogħlijiet li qrajt.

**JEW**

b) Agħti fi kliemek deskrizzjoni ta' kif jidher l-ambjent naturali fi 3 minn dawn il-poeżijiet : *'Nofs in-Nhar Sajfi', 'Il-Miżieb', 'Għajn Riħana', 'Iż-Żabra', 'l-Għanja tas-Seba' Niċeċ'.*

**JEW**

ċ) Uri kif ħafna kitbiet bit-tema tal-folkor jagħtuna dehriet u tagħrif dwar aspetti mill-ħajja ta' missirijietna.

(15-il marka)

## D. Komponiment. (Agġħel wieġed u ikteb madwar 400 kelma)

1. Għaddejna lejl ikkampjati fil-kampanja.
2. Waħdi ħdejn il-baħar filgħodu kmieni.
3. Ir-raħal Malti qed jinbidel: għall-aħjar jew għall-agħar?
4. L-effetti tat-turiżmu fuq l-ambjent Malti.
5. Fejn tippreferi tgħix: fil-ħemda ta' tarf raħal Malti jew fl-għagħa tal-belt ? Agħti r-raġunijiet tiegħek.
6. Rajt pittura/stampa/ritratt ta' dehra qadima fil-kampanja Maltija. X'tifkiriet jew riflessjonijiet qanqlet fik?

(25 marka)